MT

TEATRU MALTA

# GUTZ

SEJĦA GĦALL-ATTURI

ETC EUROPEAN THEATRE CONVENTION

BOV Joseph Calleja Foundation

teatrumalta.org.mt

Teatru Malta qed ifittex **tliet (3) atturi** biex jieħdu sehem f' 'GUTZ' - reċta, l-ewwel waħda tax-xorti tagħha, hekk kif se tittella' fi sfond ta' klassi. Din ir-reċta mistennija tittella' fil-kulleġġi tas-sixth form ta' **Malta u Għawdex** kif ukoll f'Nova Gorica fi **Slovenja**, bejn **Marzu u April 2024**.

Din ir-reċta tfasslet parti mill-festival tad-drammaturgi, li mistenni jagħti spazju lix-xogħlijiet ġodda **tat-8 membri teatrali tal-European Theatre Convention (ETC).** It-tema ewlenija ta' dawn ix-xogħlijiet hija dwar il-vuċi taż-żgħir fis-soċjetà.

## It-Tim Kreattiv

Kittieba tal-Iskript
**Kurt Gabriel Meli u Alex Weenink**

Mentor
**Ruth Borg**

Direttur
**Chatelle Micallef Grimaud**

↓ **Kurt Gabriel Meli u Alex Weenink**








↑ **Sessjoni tal-R&D**

## Sinopsi tal-Iskript

*Jack ilu sena sħiħa jidħol lura sixth form bil-moħbi.*

*Għala? Ħeqq, għax il-canteen għandha l-aqwa sausage rolls hux.*

*Imma mhux għalhekk biss.*

*F'dawk il-klassijiet, Jack u James inġibdu lejn xulxin… qabel ma nfirdu b'argument jaħraq.*

*F'dawk il-klassijiet, Ms Stefania qawwietlu qalbu… waqt li Ms Ciangura pruvat taqtagħhielu.*

*Jack ilu sena sħiħa jidħol lura sixth form bil-moħbi.*

*Għala? Għax ma jafx kif qatt ma rabba l-guts jgħid x'kellu jgħid f'dawk il-fucking klassijiet.*

*Dan huwa dramm għall-klassijiet tal-iskola tal-postsekondarja li jesplora kif iż-żgħażagħ, huma u jibdew jitfarfru, jindirizzaw it-temi tal-poter u l-mistħija, iqumu fuq saqajhom, u jsemmgħu leħinhom kontra min jipprova jsikkithom.*

## Deskrizzjoni tal-Protagonisti tal-Kast

**JACK**
Jack huwa awtentiku, ġenwin u mimli passjoni u qiegħed jintebaħ li twaqqaf milli jsemma' leħnu minn dawk li jagħmlu ħafna aktar ħoss fid-dinja tas-sixth form.

**Sesswalità**
Jidentifika bħala raġel

**Età tal-irwol**
18

**Lingwa**
Jitkellem tajjeb bil-Malti

**JAMES**
James, nebbiexi u jarmi l-kunfidenza, isikket il-biżgħat u l-insigurtajiet tiegħu bl-istorbju li joħloq.

**Sesswalità**
Jidentifika bħala raġel

**Età tal-irwol**
18

**Lingwa**
Jitkellem tajjeb bil-Malti

**Noti**
Komiku tajjeb

**CIANGURA/STEFANIA/ GĦALLIEMA OĦRAJN**
Ciangura hija l-għalliema tas-Systems of Knowledge ta' Jack u James – hija tħobb issemma' leħinha u temmen li l-istudenti għandhom jisimgħu qabel jitkellmu.

Stefania hija l-għalliema tad-dibattiti ta' Jack – hija taħlita interessanti ta' dak kollu li huwa misterjuż, kunfidenti u passjonali.

Abela u Bonello huma għalliema wkoll – it-tnejn huma ddedikati f'xogħolhom iżda jinsabu mgħobbijin u msikkta mill-amministrazzjoni u l-burokrazija.

**Sess**
Tidentifika bħala mara

**Età tal-irwol**
35+

**Lingwa**
Titkellem tajjeb bil-Malti

**Noti**
Kapaċi tieħu irwoli diversi

## Dettalji tal-Provi u l-Prestazzjoni

**L-EWWEL FAŻI**

Dawk l-atturi interessati qed jiġu mħeġġa japplikaw billi jissottomettu s-CV artistika tagħhom fuq **hello@teatrumalta.org.mt** mhux aktar tard minn l-Erbgħa 22 ta' Novembru.

Fl-email, l-atturi interessati qed jiġu mitluba jispeċifikaw l-irwol li jixtiequ.

L-applikazzjoni sottomessa se tiġi rikonoxxuta fi żmien 48 siegħa. Għal aktar informazzjoni jew fl-eventwalità fejn ma tirċievu l-ebda komunikat, qed tiġu mitluba ċċemplu fuq 99063089 biex tikkonfermaw li rċevejna l-applikazzjoni tagħkom.

**IT-TIENI FAŻI**

Ladarba tirċievi l-email mingħandna, se nibgħatulkom xena biex tirreċtawha, tirrekordjawha u tgħadduwielna sad-29 ta' Novembru, 2023.

**IT-TIELET FAŻI**

Dawk li jintgħażlu, se jiġu mitluba jingħaqdu magħna f'workshop qasir fid-19 ta' Diċembru 2023.

**PROVI U PRESTAZZJONIJIET**
Bejn it-tnejn u l-ġimgħa
Matul il-ġurnata (bejn 10:00 – 18:00)
Possibbiltà ta' provi matul tmiem il-ġimgħa jekk meħtieġ.

**PROVI JIBDEW**
**19 ta' Frar 2024**

**PRESTAZZJONIJIET JITTELLGĦU F'MALTA/GĦAWDEX:**
ħinijiet u dati varji bejn
**8 ta' Marzu 2024** u **22 ta' Marzu 2024.**
Presentazzjonijiet ġenerali matul il-ġurnata bl-eċċezzjoni ta' rappreżentazzjoni ta' filgħaxija fit-8 ta' Marzu.

**PRESTAZZJONIJIET FIS-SLOVENJA**
**16 sa 19 t'April 2024**

BIS-SOTTOMISSJONIJIET TAGĦKOM, TKUNU QEGĦDIN TIKKONFERMAW ID-DISPONIBBILTÀ TAGĦKOM FID-DATI U ĦINIJIET KOLLHA MSEMMIJA HAWN FUQ.

↓ **Sessjoni tal-R&D**

